**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TA' TAS-SLIEMA**

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Malone Debono**

Illum, 6 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti:**

Rat li Malone Debono ta' 32 sena' bin Carmelo u Veronica nee' Grech, mwieled fil-Pieta' nhar it-12 ta' Awwissu 1988 u residenti ġewwa l-fond Blk C 4, Flat 2, Triq Mahatma Gandhi, Fgura u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 373088M ġie akkużat talli nhar (17) ta' Marzu elfejn wieħed u għoxrin (2021) ġewwa l-istabbiliment '8 Till Late' fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, Malta:

"…

1. Ikkommetta serq sempliċi għad-dannu ta' Janet Brincat u jew persuni oħra.

2. Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi kkommetta l-imsemmija reat li permezz tiegħu kiser l-ordni ta' probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Claire Strafrace Zammit

LL.D. nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021).

3. Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi kiser il-provediment ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)(Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras) datata erbatax (14) ta' Lulju elfejn u ghoxrin (2020) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, u dan bi ksur tal-artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*... "*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill- akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat u estratt taċ-ċertifikat tat-twelid talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum sitta (6) ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (2023) il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum sitta (6) ta' Ottubru elfejn tlieta u għoxrin (2023) l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-imputat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-imputat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat Malone Debono detentur tal-karta tal-identità bin-numru 373088M ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-fedina penali tal-imputat u tenut kont ukoll li l-imputat diġà qed jiskonta sentenza fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, sentenza ta' priġunerija effettiva ftit li xejn ikollha effett fuq l-imputat, u l-possibbiltà li dan jirriforma u jirrabilita ruħu tintilef. Il-Qorti hija mħassba dwar il-fatt li l-imputat għandu problema ta' droga u malli dan joħroġ mill-imsemmija faċilita, hemm possibbiltà kbira li jekk dan ma jiġix segwit u ggwidat tajjeb, hu jerġa jaqa' fil-vizzju.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 284, 285 u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati Malone Debono detentur tal-karta tal-identità bin-numru 373088M taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment llum stess.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet imsemmi u li f'każ li huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, b'żieda mal-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-ordni ta' probation, u tad-digriet ta' llum għandhom jiġu komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation mal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

In oltre ai termini ta’ l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta’ Trattament, għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza tiegħu mid-droga, u dan għal perijodu ta’ sentejn (2) skont il-kundizzjonijiet fid-digriet kontestwali, f’liema żmien huwa għandu joqgħod għar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti fissret ukoll fi kliem sempliċi l-effetti ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ikkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------